

Paġna ewlenija>Kwistjonijiet tal-familja u wirt>Protezzjoni ta' adulti vulnerabbli

Protezzjoni ta' adulti vulnerabbli

F'materji ċivili, l-adulti vulnerabbli huma persuni li għandhom aktar minn 18-il sena u li, minħabba indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tagħhom, mhumiex f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom kif iddefinit fl-Artikolu 1 tal-

Konvenzjoni ta' The Hague dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti tal-2000 (il-Konvenzjoni dwar l-Adulti tal-2000). Il-vulnerabbiltà tal-persuni kkonċernati tista' tirriżulta minn diversi fatturi, inklużi indebolimenti mentali jew fiżiċi li jaffettwaw l-abbiltà li wieħed jieħu deċiżjonijiet jew li jivvaluta l-implikazzjonijiet (eż. l-implikazzjonijiet finanzjarji) ta' dawk id-deċiżjonijiet.

Bosta miżuri jistgħu jappoġġaw lill-adulti vulnerabbli fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom. Il-miżuri protettivi huma miżuri bl-għan li jipproteġu lill-persuna jew lill-proprjetà tal-adult vulnerabbli. Tali miżuri protettivi jistgħu jiġu imposti abbażi ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji jew deċiżjoni ta' awtorità kompetenti. Setgħat ta' rappreżentanza jistgħu jiġu stabbiliti bħala miżura kawtelatorja utli fiż-żmien meta persuna tkun għadha kapaċi tipproteġi l-interessi tagħha stess biex torganizza r-rappreżentanza tagħha u l-kundizzjonijiet għall-ġestjoni tal-affarijiet personali u finanzjarji tagħha f'sitwazzjoni futura ta' vulnerabbiltà.

Fil-livell internazzjonali, il-protezzjoni hija garantita mill-Konvenzjoni dwar l-Adulti tal-2000. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ f'10 pajjiżi tal-UE (l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Latvja u l-Portugall).

L-Istati Membri kollha u l-UE huma partijiet għall-**Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà** (UNCPRD).

Is-sit web [CNUE – Vulnerable Persons \(the-vulnerable.eu\)](http://CNUE-VulnerablePersons(the-vulnerable.eu)) jagħtik informazzjoni dwar ir-regoli nazzjonali li japplikaw għall-protezzjoni ta' adulti vulnerabbli fi 22 pajjiż Ewropew.

L-aħħar aġġornament: 16/09/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.